# IL-ĠETSEMNI

Nisthajjluna li qegħdin Ġerusalem u sejrin nagħmlu żjara lil Ġetsemni. Noħorġu mill-belt minn bieb jismu Bab Sitti Mirjam, li jixbaħ ħafna lil dak il-bieb ta' l-Imdina li jagħti għal ġewwa l-foss fejn jilgħabu l-*football* (u għax tgħid! Bħalu wkoll, fuq ġewwa fih il-kamra ta' l-għassa). Kif noħorġu, fuq il-lemin tagħna naraw xatba u 'l art mielħa, u wara x-xita ma jinbetx ħaxix bħal ma jinbet fis-sqaqien tarraba ta' Malta. Nibqgħu sejrin u naqbdu triq kbira bl-asfalt. Ninżlu magħha. Fuq ix-xellug naraw wied b'ħafna siġar iħaddru, li hu l-gnien tal-Griegi Ortodossi. Induru mal-lemin, dejjem għan-niżla, u nibqgħu nimxu. Quddiemna naraw knisja ċkejkna: il-knisja ta' San Stiefnu tal-Griegi. Ma' ġenbha hemm biċċa taraġ maqtugħ fil-blat, li hu fdal tat-taraġ li fi żmien Ġesù mill-wied kien jieħu għat-Tempju. Minn dak it-taraġ tala' kemm-il darba Ġesù u fuqu wkoll il-Lhud ħaġġru lil San Stiefnu.



**FAĊĊATA TAL-BAŻILKA TAL-ĠETSEMNI.**

isfel minnha ħajt tas-sejjieħ għoli, li minn warajh jixref il-bajtar tax-xewk. Max-xellug, ħajt tas-sellieħ ukoll, baxx, u 'l fuq minnu biċċa art xorija. It-triq dejqa, kollha trab u żrar fis-sajf, jew tajn u għadajjar fix-xitwa. Fl-art qatt ma jinbet ħaxix, għax Ġerusalem

Quddiemna, ftit fuq il-lemin, naraw knisja, bla kanpnari, is-saqaf tagħha kollu koppli żgħar, il-faċċata bi tliet



Żebbuġa mit-tmien żebbuġiet ix-xjuħ tal-Ġnien tal-Ġetsemni.

loġoġ u fuq il-loġoġ xbiehat tal- mużajk. Dik hi l-Bażilka tal-Ġetsemni, li ftit ieħor nidħlu fiha.

Nibqgħu niżlin 'l isfel mat-triq ta' l-asfalt u naqsmu l-wied. Inħallu t-triq il-kbira u nitilgħu lejn ix-xellug. Quddiemna naraw ħajt għoli ta' ġnien. Fih bieb żgħir tal-ħadid b'farxa magħmula minn ħaġra waħda kbira, donnha xi biċċa blata bla minġura. F'nofs il-farxa hemm minquxin il-kelmiet: "Hortus Gethsemani", u kull naħa tal-kitba salib b'ħamsa, is-salib tat-Terra Santa.

Nidħlu ġo dan il-bieb u niġu fuq bankina jew mimxa, kif igħidulha hawnhekk, iċċangata bil-ħaġar. Fuq ix-xellug il-ħajt tad-Dejr u fuq il-lemin ilqugħ tal-ħadid, bħal rixtellu, u minnu 'l ġewwa l-ġnien. Il-ġnien kollu triqat u ħrieġi mħawla bi xtieli tal-ward, ma' dwar is-siġar taż-żebbuġ. Is-siġar, uħud żgħar u torja u oħrajn huma hekk xjuħ li z-zokk tagħhom qisu xi blata sewda li minnu ħerġin, 'l hawn u 'l hemm rimjiet ġodda, ħodor u żgħar. Minn dawn is-siġar ix-xjuħ hemm tmienja. Kien hemm disgħa' imma waħda qatluha l-Griegi biex jinku lir-Rhieb Franġiskani meta l-ħajt tal-Ġetsemni kien għadu baxx. Dawn is-siġar il-ħoxnin aktarx huma dawk infushom li kien hawn fi żmien Ġesù, li biex ingħidu hekk, rawh waqt l-agunija tiegħu u semgħu t-tnehid tiegħu waqt li talab biex jitbiegħed minnu l-kies tal-imrâr.

Minn hemm nidħlu f'bieb in-naħa tax-xellug u nsibu ruħna ġewwa sagristija. Nilwu mal-lemin u ninżlu xi ħames tarġiet u niġu ġewwa l-knisja tal-Ġetsemni. Skiet. Dlam. U riħa ta' nċens.

Il-knisja wieqfa fuq kolonni rqaq, ħamranija. Is-saqaf u l-art miksija bil-mużajk. Mal-ħitan twieqi kbar, li f'lok ħġieġ fihom alabastru. Fiha tliet artali: artal kbir fin-nofs u artal żgħir kull naħa tiegħu, lixx, għamla ta' mejda. Ix-xbiehat ta' fuq l-artali, tal-mużajk ukoll. Quddiem l-artal tan-nofs hemm presbiterju, imdawwar bil-balavostri. F'nofsu hemm blata ċatta imdawwra b'kuruna tax-xewk magħmula mill-ħadid u bil-ħamiem tal-fidda fuqha. Fuq dik il-blata, qagħad wiċċu fl-art, fl-aħħar lejla ta' ħajtu, Ġesù.



Il-Bażilka tal-Ġetsemni minn ġewwa. Fix-xellug jidhru t-twieqi tal-alabastru u fin-nofs il-lqugħ ta' quddiem l-artal. Iddawl ta' fuq il-kolonni dieħel mill-bieb il-kbir tal-Bażilka.

Noqgħodu għar-rkubtejna, inħarsu lejn dik il-blata għażiża. Nistħajlu li naraw lil Ġesù għar-rkubtejh b'wiċċu ma' l-art, jokrob u jitniehed, bħal ma jagħmlu n-nies ta' l-artijiet Xerqija, meta jkunu maħkuma minn xi niket kbir. Nistħajlu li nisimgħuh igħid u jtenni: "Abba! Abba! Biegħed minni din is-siegħa! Imma m'hux kif irrid jien ikun. Kif trid int!".

Id-Din Nisrani, minnu n-nifsu jġib ta' barra jidħol għajjien u rieżen mill-alabastru tat-twieqi, isfar u vjola. Ħemda li tagħfas il-qalb, anqas ħoss ta' dubbiena ma tisma' żżanżan. Kollox jixħetlek fuqek seħer li trid tagħmel saħtek biex tneħħih. Ġesù, dik il-lejla qal lill-Appostli hawnhekk: "Oqgħodu hawn, u ishru ftit miegħi!" U donnu li dak il-kliem tal-Mulej għadu hawn, imwaħħal fl-arja ta' din il-knisja, u jħossu f'demmu kull min jidħol hemm.



**Il-Bażilka tal-Ġetsemni minn ġewwa. Jidhru t-tliet artali u fuqhom ix-xbiehat tal-mużajk. Quddiem l-artal tan-nofs tidher il-Blata tal-Agonija mdawra bix-xewk tal-ħadid. Fil-ġnub jidhru ż-żewġ ħamimiet tal-fidda u fin-nofs il-kalċi tal-fidda wkoll.**

miegħu hena kiebi miksi bin-niket. U ma nafx fejn jinħass aktar tqil minn ġewwa din il-knisja, siekta u dielma, tal-Ġetsemni. Id-dlam maqtugħ kemm-kemm mid-dawl ħieżen ta' bozoz żgħar, ħomor minn lewn id-demm. Id-dawl U fl-aħħar noħorġu minn hemm fix-xemx ta' barra. Imma ndumu ħafna nħarsu lura, għax dik il-karba: "Oqgħodu hawn, ishru ftit miegħi!" ddum tidwi f'widnejna għal ħafna żmien.

SILVJU.

---

## DUWA TAL-FELLAĦIN

### Kif tneħħi l-uġiegħ taż-żaqq

Meta żaqqek tibda' tuġgħek (daqqiet rasek ukoll) ħtija ta l-irjieħ li jkollok fl-imsaren, biex tneħħihom agħmel hekk: imla' nofs żinġla bl-ilma kiesaħ, ixħet miegħu qabda żgħira melħ u ftit ħall. Ħawwdu tajjeb b'biċċa għuda nadifa sa ma jdub għal kollox il-melħ u mbagħad aħsel żaqqek bih. Jekk ma jgħaddilekx wara xi siegħa, erġa' agħmel hekk xorta waħda. Jekk ikunu rjieħ, ma' darbtejn jew tlieta għandhom jgħaddulek bla nuqqas.